# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

MARZU 1950


# *DAR TAL-"GHAQDA"*

*BDEJNA din is-sena bir-risq: sèħħet waħda mill-aqwa xewqat li aħna tal-"Għaqda" dejjem kellna; issa għandna dar għalina, post li nistgħu ngħodduh bħala darna.*

*Kif f'bosta ħwejjeġ oħra, il-familja Muscat Azzopardi riedet tkun biex bis-saħħa tagħha nkunu nistgħu nikru d-dar u nifthu-ha għall-imseħbin. Is-Sur Ugo Muscat Azzopardi, P.L., hu s-Segretarju li kellna s-sena l-oħra, hu l-fundatur tal-"Premju Muscat Azzopardi", u bin l-ewwel President tal-"Għaqda" inda-ħal biex iħallas hu l-kera ta' kull sena. Is-Sur Ugo Muscat Az-zopardi, ġentlom l-aktar ġeneruż u Mecenate l-aktar ħanin, wera li jaf jiżen u jqis is-siwi u l-fejda tal-ħidmiet akkademiċi u bil-għo-tja tiegħu wera sens ta' veru patrijottiżmu. Għax il-ħidma tagħ-na fl-aħħar mill-aħħar ma għandhiex skop ieħor ħlief li tagħmel ġieħ u ġid lill-Ilsien Malti, u kull ma jsir għall-ġid ta' l-Ilsien Malti jiswa biex iseddaq lil Malta wkoll. Mela kull min jgħinna fil-ħidma tagħna jkun qiegħed jieħu sehem fit-tħabrik tagħna għall-ġid u għall-progress ta' pajjiżna.*

*B'dan l-att ġeneruż tiegħu s-Sur Ugo Muscat Azzopardi qala' l-foħrija tal-Membri Akkademiċi kollha u sthoqq post fost l-ewle-nin li tgħożż il-"Għaqda", iżda hu jisthoqqlu ġieh u foħrija mhux mill-Membri tal-"Għaqda" biss, iżda mill-poplu kollu tal-Gżira, għax bl-att ġeneruż tiegħu saħħaħ il-patrimonju kulturali ta' pajjiżna.*

*Dari aħna tal-"Għaqda" kien jeħtiġilna noqogħdu nittalbu fejn niltaqgħu għal-laqgħat tal-Kunsill u għal-laqgħat Akkade-miċi tagħna. Tassew li kulħadd fetħilna l-bieb: il-Gvern ħalliena niltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Mużew jew fl-Uffiċċju Sanitarju tal-Fu-rjana fl-eħrex żmenijiet tal-gwerra li għaddiet. Il-Patrijiet Kon-ventwali tar-Rabat laqgħuna għandhom meta konna niltaqgħu, fi żmien il-gwerra wkoll, biex niktbu l-istatut il-ġdid, il-Patrijiet Ġeżwiti fetħulna l-bieb tad-dar tagħhom ħdejn Sarrija fil-Furja-na għal xi laqgħat tal-Kunsill tagħna u l-"Unjoni Kattolika San Ġużepp" tal-Belt qatt ma qaltilna le meta tlabnieha biex ninqdew*

*bis-swali tagħha għal-lugħat tagħna. Id-Dar ta' San Ġużepp tal-Ħamrun lagħetna bosta drabi għall-kenn tagħha. Hekk ukoll is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L., ħalliena niltaqgħu kemm-il darba fl-uffiċċju tiegħu tal-Belt. Lil dawn kollha aħna nizzuhom ħajr u nwiegħduhom li ma ninsew qatt dak li huma għamlu għalina; li ma kienx huma min jaf din il-"Għaqda" tagħna kienitx tkun tista' timxi hekk 'il quddiem u twettaq dawk il-ħidmiet kollha li għamlet ma' tul it-tletin sena tal-ħajja tagħha.*

*Kull għaqda jew xirka biex tista' tindaħal għax-xogħol tagħha u twettaq l-iskop li għalih twaqqfet, jeħtiġilha dar fejn il-membri jkunu jistgħu jiltaqgħu bla tfixkil meta u x'ħin iridu, u fejn ikunu jistgħu jitkellmu aktar bil-ħerqa u bil-ħrara. Meta l-Membri jinġabru f'dik id-dar tagħhom huma jħossu ruħhom aktar marbutin flimkien f'għaqda ta' ħbubija u, għal kenn ta' saqaf wieħed, iħossu akbar mistrieħ fil-barka u s-sliem ta' darhom.*

*Kull soċjetà ta' importanza jeħtieġ, mela, li jkollha ċentru jew* domus *fejn jitnisslu l-attivitajiet kollha u minn fejn joħorġu t-tusijiet biex jitwettqu dawk l-attivitajiet. Id-*domus *qisu r-ras ta' ġisem il-bniedem fejn jinsab il-moħħ li jqanqal il-partijiet kollha tal-ġisem; sakemm soċjetà ma jkollhiex id-dar tagħha tkun qisha qasba tixxejjer mar-riħ: qatt ma tkun fis-sod, dejjem sejra min-naħa għall-oħra, qatt ma trabbi għeruq. Dan jaħti li bosta mill-għaqdiet u xirkiet li kellna f'Malta marru lura u baqgħu sakemm intemmu rqiq irqiq għax ma kellhomx dar fejn setgħu jitfgħu l-ankri u jibqgħu weqfin ħalli jħabbat il-baħar.*

*Għal grazzja t'Alla u bis-saħħa tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi dak in-nuqqas issa mtlielna u dak il-periklu ħalliena. Issa minna jonqos jekk ma naqbżux 'il quddiem u nkattru l-ħidma tagħna b'risk l-ilsien Malti u f'ġieh Malta tagħna.*

---